# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU 2021

**Kawża nru. 3**

**Rikors Ġuramentat nru. 55/2020 RGM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**Vs**
**Jean Paul Mifsud bħala debitur prinċipali u**
**Cynthia Grech bħala garanti solidali**

**Il-Qorti,**

**Din hija deċiżżjoni dwar talba tal-konvenut Jean Paul Mifsud sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.**

**Sfond.**

Fis-17 ta' Jananr 2020 il-bank attur intavola rikors ġuramentat kontra l-konvenuti Jean Paul Mifsud u Cynthia Grech.

Il-konvenuta Grech, li jidher li tirrisjedi ġewwa Sqallija, ġiet notifikata bil-proċedura kontemplata fir-Regolament nru 1393/2007/KE tramite l-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali u l-Ufficiale Giudiziario mit-Tribunal ta' Ragusa ġewwa Sqallija.

Fir-rigward tal-konvenut Mifsud saru diversi tentativi sabiex jiġi notifikat fl-indirizz 74, Triq Sant Ursola, Valletta; iżda r-riferti ġew negativi. Wara diversi tentativi ta' notifika li ma tawx riferta pożittiva, waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020 talab u ottjena l-awtorizzazzjoni sabiex jinnotifika lill-konvenut Mifsud bil-mezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni.

L-affissjonijiet u l-pubblikazzjonijiet seħħew bejn il-15 ta' Ottubru 2020 u l-21 ta' Diċembru 2020.

Fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2021 il-Qorti ikkonstatat illi l-konvenuti kienu ġew notifikati u li ma ppreżentawx risposta ġuramentata fit-terminu preskritt mil-liġi u li għalhekk kienu kontumaċi u ddifferit il-kawża għall-provi tal-bank attur għas-17 ta' Marzu 2021.

Fil-jum tat-2 ta' Ġunju 2021, fl-istess jum li għalih kienet differita l-kawża, il-konvenut Jean Paul Mifsud ippreżenta rikors li permezz tiegħu, għar-raġunijiet minnu hemm mogħtija, qed jitlob li l-Qorti tiddikjara illi n-notifika lilu ma saritx skond il-liġi u li allura m'għandux jibqa jiġi kkonsidrat bħala kontumaċi u li għandu jingħata l-fakolta' li jippreżenta risposta ġuramentata.

Ir-raġunijiet imressqa mill-konvenut Mifsud fir-rikors imsemmi huma s-segwenti:

1. L-affissjoni saret fl-indirizz 74, Triq Sant' Orsla, Valletta mentri r-residenza tiegħu tinsab fl-indirizz 72, Triq Santħ Orsla, Valletta.

2. Il-fond 74, Triq Sant' Orsla, Valletta, li jappartjeni sew lilu u sew lill-konvenuta Grech, jintuża bħala *ġuest house* u ma hux il-post tax-xogħol tiegħu peress li xogħolu jinstab fi Sqallija fejn jiġġestixxi negozju agrikolu.

3. Il-konvenut ma sab l-ebda dokumenti mwaħħla mal-fond 74, Triq Sant' Orsola, Valletta.

4. Illi minn fuq ir-reġistru elettorali aċċessibbli online jirriżulta illi l-indirizz residenzjali tiegħu ma hux 74 iżda 72, Triq Sant' Orsla, Valletta.

Permezz ta' affidavit, maħluf fis-6 ta' Lulju 2021 u ippreżentat f'dawn l-atti fis-7 ta' Lulju 2021, il-konvenut Mifsud xhed illi sal-jum li huwa intavola r-rikors fit-2 ta' Ġunju 2021 huwa ma kien għadu sab l-ebda karti mwaħħlin mal-bieb 72, Triq Sant Orsla, Valletta, u li kien biss ftit ġranet qabel is-6 ta' Lulju 2021 li huwa sab il-karti mwaħħlin mal-bieb ta' 74, Triq Sant Orsla, Valletta u li għaddihom immedjetament lill-avukat tiegħu.

Iddikjara illi l-fond 74 mhux ir-residenza tiegħu iżda guest house ġestita mit-tifel tiegħu peress li huwa jiġġestixxi negozju ġewwa Sqallija. Jgħid li meta jkun Malta jirrisjedi fil-fond numru 72, li għalkemm tinfed mal-guest house numru 74, għandha bieb separat illi jagħti għal barra.

Il-konvenut Mifsud imbagħad xhed fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2021.

Huwa xhed illi għalkemm l-ex partner tiegħu il-konvenuta Cythia Grech hija reġistrata fuq ir-reġistru elettorali bħala li tirrisjedi fin-numru 74, effettivament ma tgħix hemmhekk. Qal li ma jafx fejn tgħix.

Dwar il-fond numru 74 xhed illi fiha jilqa' t-turisti. Mistoqsi jekk mill-guest house tistax ukoll toħroġ mill-bieb numru 72 irrisponda fl-affermattiv.

Xhed illi meta sab id-dokumenti mal-bieb numru 74 huwa ħadilhom ritratt u bgħat ir-ritratt immedjetament lill-avukat tiegħu permezz tal-app. Whatsapp. Muri illi r-ritratt u l-messaġġ għandhom id-data t-8 ta' Lulju 2021 fis-13:11 huwa irrisponda li kien fit-8 ta' Lulju 2021 li ra dawk il-karti l-ewwel darba.

Xhed illi minn Ottubru 2020 sa Lulju 2021 huwa ivvjaġġa diversi drabi barra minn Malta u irritorna. Dwar il-guest house spjega illi huwa mhux meħtieġ li jkun preżenti meta jidħlu u joħorġu l-klijenti għaliex il-bieb ta' barra jitħaddem mingħajr il-ħtieġa li jkun hemm xi ħadd jilqa' lill-klijenti.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Artikolu 158 (10) Kap. 12 - Ġustifikazzjoni tal-Kontumaċja**.

Sabiex il-Qorti tilqa' talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja trid tkun sodisfatta li r-raġuni mogħtija hija waħda tajba ai termini tal-**Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12** li jipprovdi li "Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss."

In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs. Carmelo Vassallo** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn fiha ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin:

1. "Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;

2. Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;

5. L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "*una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*";

8. L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u accezzjonalment biss tista' tkun morali.

Dawn l-istess prinċipji gew riaffermati f'diversi deċizjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, u **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.

Fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** (App Ċiv 126/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Jannar 2005, ġie dikjarat li:

"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu - ta' natura punittiva - huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jsithoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza tal-imharrek - fatt fih innifsu pozittiv- hija invece mehtiega bhala parti mill-indagini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

Din il-Qorti tagħraf li l-liġi tipprovdi għall-prospett ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja permezz tas-sub-artikolu (10) tal-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, fejn il-Qorti għandha obbligu li tara jekk il-konvenut kontumaċi li jitlob biex jitħalla jikkontesta t-talbiet attriċi għandux raġunijiet validi u ġusti sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Av. Dr. Tonio Fenech nomine vs. Interdrive Limited et** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Novembru 2015:

"L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioe` dik li ma jkunx jista` jressaq provi (ara : App. Kumm. - 21.5.1993 – "**Vella pro et noe vs Vella**" (**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett

irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosita` tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b`mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista` jammonta ghal htija, m`ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**)."

It-termini stipulati mill-liġi huma ta' ordni pubbliku. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet **Samchrome FZE vs. Danko Koncar et** għamlet referenza għall-kawża **Kenneth Abela vs. Aplan Limited et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-6 ta' Frar 2008 fejn ġie rapportat:

"*Trattandosi* ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ***ad unguem***, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);**

Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu proceduralі la jista' jigi sanat b'xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita". ("**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta' Dicembru 2007).**"

Ikkonsidrat;

Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza hawn fuq ċitata jeħtieġ li tiġi murija kawża ġusta għalfejn ma ġietx ippreżentata risposta ġuramentata fit-terminu impost mil-liġi.

Il-konvenut Mifsud xhed illi l-ewwel darba li ra b'għajnejh id-dokumenti mwaħħlin mal-bieb numru 74 kien ftit jiem qabel is-6 ta' Lulju 2021.

Din id-dikjarazzjoni ġuramentata, għalkemm għandha mill-inverosimili, jekk xejn tikkonferma illi l-kopja tal-atti ġudizzjarji imwaħħla mal-bieb 74 ma tneħħewx appena ġew imwaħħla mill-marixxalli fil-15 ta' Ottubru 2020.

Qajla pero' tista' titwemmen il-verżjoni li ta l-konvenut Mifsud illi l-kopja tal-atti ġudizzjarji għamlet imwaħħla mal-bieb 74 minn Ottubru 2020 sa Lulju 2021 u li f'dak il-perijodu kollu qatt ma lemaħ dawn il-karti.  Aktar u aktar meta suppost il-bieb numru 74 huwa ġuest house tal-istess konvenut Mifsud.

Fix-xhieda tiegħu l-konvenut Mifsud jagħti l-impressjoni illi din il-guest house tiġi operata minn distanza remota u li bħal donnu huwa għandu xi impediment li jgħaddi minn dan il-bieb numru 74 jekk mhux addirittura ma jħarisx lejn dan il-bieb nonostante illi presumibilment jgħaddi minn quddiemu jew ftit ċentimetri bogħod minnu anke meta juża il-bieb numru 72,

Il-verzjoni li ta l-konvenut Mifsud mhiex titwemmen mhux biss għaliex mhiex verosimili iżda wkoll għaliex il-fatt li l-bibien 72 u 74 huma bibien ta' żewġ ambjenti interkonnessi jagħmlu l-ambjenti binja waħda.

Xhed ukoll illi għalkemm huwa normalment jivjaġġa ħafna, b'effett tal-pandemija huwa kien naqqas is-safar.

Il-Qorti ma tqisx li għandha mis-sewwa l-verżjoni tal-konvenut Mifsud illi meta fit-2 ta' Ġunju 2021 huwa kellem lill-Avukati tiegħu huwa ma kien għadu lemaħ l-ebda dokumenti mwaħħlin mal-fond numru 74, dokumenti li jirriżulta kienu ilhom imwaħħla mal-bieb numru 74 għal kważi tmien xhur.

L-unika mod fil-fehma tal-Qorti sabiex fi tmien xhur il-konvenut Mifsud ma jarax id-dokumenti in kwistjoni kien billi jassigura ruħu illi lejn il-bieb numru 74 ma jħarisx anke jekk ikun għaddej ftit ċentimetri bogħod minnu.

L-istess jingħad dwar ix-xhieda li ta li kien biss ftit jiem qabel l-affidavit tas-6 ta' Lulju 2021 li għall-ewwel darba ra l-karti mwaħħlin mal-bieb numru 74.

Jirriżulta illi filwaqt li xhed li kif rahom huwa ħadilhom ritratt u immedjetament itrasmetta kopja tar-ritratt lill-avukati tiegħu permezz tal-Whatsapp; jirriżulta mill-atti li r-ritratt intbgħat fit-8 ta' Lulju 2021; u ċioe jumejn wara li għamel l-affidavit u mhux ftit jiem qabel għamel l-affidavit. Din l-inkonsistenza tkompli xxejjen il-kredibilita' tal-konvenut Mifsud fir-rigward.

Iż-żewġ bibien in kwistjoni jinstabu eżatt ħdejn xulxin skond ma jidher fir-ritratti a fol. 164 u 165 tal-process. Huwa evidenti illi ż-żewġ bibien 72 u 74 St Ursola Street, Valletta huma żewġ bibien ta' binja waħda.

Finalment il-Qorti ikkonstatat illi mill-provi dokumentarji preżentati sa issa mill-bank attur jirriżulta li kien il-konvenut Mifsud stess li ta lill-bank attur l-indirizz tiegħu bħala numru 74, Triq Sant Ursula, Valletta, l-istess indirizz illi l-bank attur utilizża sabiex in-notifika ssir bil-mezz tal-affissjoni kif ordnat mill-Qorti.

Meħuda l-konsiderazzjonijiet fuq magħmula l-Qorti tikkonkludi illi l-konvenut Mifsud ma ġabx raġunijiet validi sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors tat-2 ta' Ġunju 2021 ppreżentat mill-konvenut Mifsud billi tiċħad l-istess rikors.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut Mifsud.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**